MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2008

Appell Kriminali Numru. 434/2007

**Il-Pulizija**
**Vs**

**Brenda Agius**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli fl-20 t'Ottubru, 2006, ghall-habta ta' 02.45 hrs, fi Triq Ross, San Giljan, waqt li kienet qed issuq vettura nru. IBF-021 fi Triq li hija regolata b'sinjali ta' dawl tat-traffiku ta' vetturi,
1. naqset li tieqaf meta d-dawl kien qed jixghel kulur ahmar;
2. naqset li tobdi l-ordni legittima tal-Pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom, meta naqset li tieqaf meta giet moghtija sinjal mill-Pulizija biex taghmel hekk;
3. fl-istess data, hin u cirkostanzi fi Triq Mikiel Ang. Borg, San Giljan, saqet jew ippruvat issuq jew kellha

kontroll ta’ l-imsemmija vettura nru. IBF-021 fit-triq jew f’post pubbliku meta ma kienitx f’kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi;
4. kif ukoll gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, naqset jew irrifjutat li taghti kampjun tan-nifs skond il-ligi.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Dicembru, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 125 AL 128/94, 338(ee) Kap. 9 u 15A, 15E Kap. 65, sabet lill-appellanti hatja tal-akkuzi kollha w ikkundannataha ghall-hlas ta’ ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) fuq l-ewwel u t-tieni akkuza w multa ta’ tlett mitt lira Maltin (LM300) fuq it-tielet u r-raba’ akkuza.
Inoltre skwalifikatha milli jkollha jew tottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fl-14 ta’ Dicembru, 2007, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata fis-sens illi ssib lill-appellanti mhux hatja ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontriha w minnhom tilliberaha, w, in mankanza ta’ tali konkluzzjoni, tikkundannaha ghall-piena ohra opportuna w proporzjonata.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':- 1. Li x-xiehda migjuba kontra l-appellanti kienu konfliggenti ghall-ahhar, kemm meta mqabbel ma dak li xehdet l-appellanti kif ukoll bejnithom u tali konflitt serju w sostanzjali fil-provi kellu jmur favur l-appellanti w iwassal biex tigi liberata mill-akkuzi. L-affidavit ta' PC1547 John Debattista u PC 343 Glen Carabott huma identici w dan mhux il-mod kif ghandhom jitressqu l-provi tal-prosekuzzjoni. B' dana kollu, wiehed minnhom ta versjoni differenti meta sarlu l-kontro-ezami. Hemm ukoll konflitt bejn dak li xehdu dawn ix-xhieda u x-xhieda tal-appellanti w x-xhud tad-difiza. B' riferenza ghat-tielet akkuza gie sottomess li l-incident kien jirrigwarda, se mai, kwistjoni ta'

xorb u mhux ta' droga kif hemm fl-akkuza. Ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni fl-affidavit taghhom ma jaghtu ebda hjiel ghaliex giehom is-suspett li l-appellanti kienet taht l-influwenza ta' xorb. Minkejja li SM 78 J. Cremona xehed li l-appellanti "*kellha riha taqsam ta' xorb"*, allahares il-htija o meno ta' persuna ghandha tiddependi unikment mill-allegat xamm tax-xhud u xejn aktar. Ghalhekk u ghar-ragunijiet migjuba fir-rikors tal-appell, il-htija taht it-tielet imputazzjoni ma gietx pruvata sodisfacentement. Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni ma ngabitx l-ahjar prova da parti tal-prosekuzzjoni kif rikjest fl-art. 15E (4) tal-Kap.65 u dan ghax ma ngabitx il-prova li ntuza strument approvat kif jipprovdi dan l-artikolu. Finalment u fi kwalunkwe kaz, il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet esagerata fic-cirkostanzi, tenut kont ukoll tal-fedina penali netta tal-appellanti.

Semghet ix-xhieda mil-gdid u rat l-affidavits esebiti.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Fl-affidavit kwazi identiku taghhom **PC 1547 John Debattista** u **PC343 Glen Carabott** iddikjaraw li fl-20 t' Ottubru, 2006, ghall-habta tas-2.45am., waqt li kienu ghaddejjin minn Triq Ross, San Giljan, innutaw vettura numru IBF 021 Fiat Punto li naqset milli tieqaf fit-*traffic lights* meta dawn kienu homor. Meta raw hekk, huma saqu ghal warajha izda meta ghamlu sinjal lix-xufier biex jieqaf, dan ma waqafx. Bdew isegwu din il-vettura bil-*beacon lights*, sirena w horn. F' hin minnhom, dil-vettura anki bdiet isserrep bejn *lane* w iehor u xorta ma waqfitx. Meta waslu Triq Michelang Borg, San Giljan, din l-vettura resqet mal-gemb tat-triq u waqfet. Huma nizlu mill;-vettura biex ikellmu lix-xufier li rrizulta li kienet l-appellanti . Meta staqsewha ghaliex ma waqfitx fit-*traffic lights* u meta bdew iwaqqfuha, din qaltilhom li ma rathomx. Giehom suspett li din setghet kienet that l-influwenza tax-xorb. Ghalhekk marru l-ghassa biex isirilha test tan-nifs. Hemm, wara hafna kliem fieragh kontra l-Pulizija w fejn qalet li taf hafna nies, accettat li taghmel it-test, izda peress li ma bdietx

tonfoh sewwa, ma beda jimmarka xejn. Ghalhekk giet mehuda d-Depot biex isirilha t-test. Imma dan beda jimmarka "NO BREATH FLOW".

Meta xehed quddiem il-Qorti PC Debattista qal li meta kienu waqqfu lill-appellanti kien innota li din kellha xiha ta' xorb, ma kienitx "steady" fuq saqajha w bdiet tghid u tirrepeti kliem bla sens u tghajjarhom. Waqt is-sewqan innota wkoll li bdiet isserrep 'l hawn u 'l hemm. Ma jistax ikun li ma rathomx u ma ndunajtx bihom waqt li kienu qed isegwuha bis-sirena tghajjat u bil-*"beacon"* mixghul. F'hin minnhom huma gew ma genbha w ghamlulha sinjal biex tieqaf pero' ma waqfitx u biex waqfet spiccaw tefghu il-karozza taghhom quddiem taghha. Meta qalulha biex taghmel il-*breathylazer test* hi fil-fatt nefhet fih imma ma felhitx tonfoh.

Meta xehed quddiem din il-Qorti PC Carabott qal li hu kien ix-xufier tal-karozza tal-Pulizija w waqt l-insegwiment innota li l-appellanti bdiet issuq billi sserrep lejn naha w ohra. Meta waqfuha nnota li l-appellanti bdiet ticcaqlaq 'l hawn u 'l hemm pero' ma xamx riha ta' xorb u ma nnotax li bdiet tkarkar id-diskors ghalkemm bdiet tirrepeti l-istess affarijiet. Huma kienu dahlu quddiemha bil-karozza wara li hi f'hin minnhom kienet naqqset l-ispeed.

**Is-Surgent Maggur J. Cremona** fl-affidavit tieghu w quddiem din il-Qorti xehed xehed li fl-20 t' Ottubru, 2006, ghall-habta tat-3.10am., hu kien xoghol fil-Control Room u kien gie mitlub li jaghmel *breathalyser test* fuq l-appellanti li kienu gabuha d-Depot mill-Ghassa ta' San Giljan. L-appellanti tatu l-*particulars* taghha izda, wara li spjegalha kif u ghaliex isir it-test, rrifjutat li tikkoopera w ghazlet li ma tatix kampjun tan-nifs, pero' hu osserva li kellha riha ta' xorb. Xengil u sinjali ohra ta' sokor ma rax, pero' kienet tidher eccitata w bla sabar Saru diversi tentattivi biex hi taghti kampjun tan-nifs izda rrifjutat u bdiet tilmenta li kienet tbaghti bl-asthma.. Fil-fatt l-appellanti umbaghad riedet tipprova tonfoq fl-istrument imma peress li biex dan jahdem trid tonfoh b' certa sahha w b' nifs kontinwu, l-istrument beda jitla' biss san-nofs u jieqaf. Hi ppruvat tonfoh pero' ma kelliex sahha bizzejjed jew ma bdietx

tonfoh tajjeb. Inizjalment kienet ukoll irrifjutat li taghmel it-test. Kienet damet hemm xi 15 jew 20 minuta w hu baghtha mal-Pulizija mara w ragel li kienu gabuha mill-ghassa ta' San Giljan. L-appellanti kienet semmiet li tpjejjep.

**Il-Maggur Saviour Garcia** xehed biex ikkonferma d-dokumenti esebiti a fol. 5 tal-process li huma proprju il-*print-out* tar-rizultat tal-*"Breath Alcohol Test Record"* li sar fuq Lion Intoxilyzer 6000MT Serial Number AO189 (MT 1.01) kif ukoll il-formola sterjotipata bil-*particulars* tal-appellanti w dettalji ohra li juru meta, x' hin u kif ipprovaw jaghmlu t-test lill-appellanti.

**L-Appellanti** xehdet quddiem din il-Qorti li hi w habiba taghha kienu ghand xi hbieb Paceville ghal ikla w kienet xorbot xi zewg tazzi nbid u xi ilma minerali. Hi mat-tielet tazza inbid tibda tistordi. Wara l-ikla kien bi hsiebha twassal lill-habiba taghha sa fejn din kienet halliet il-karozza taghha fi triq vicin il-*“bridge”* ta’ Regional Road. Veru li ghaddiet minn fejn kienu xehdu z-zewg kuntistabbli pero’ kienet waqfet fuq it-*“traffic lights”* li hemm fil-*cross road* bejn Ross Street u St. George’s Road. Ma serrpitx fit-triq kif qalu l-Pulizija. Meta rrejalizzat li l-Pulizija kienu qed isegwu lilha, hi waqfet vicin il-mina ta’ Regional Road. Il-Pulizija bdew jghajjtu maghha w werwruha w ghamlulha l-*breathylazer* test u bdew jghidulha li mhux qed tonfoh sewwa. Hi *“heavy smoker”.*

Wara haduha d-depot mill-ghassa ta’ San Giljan fejn is-Surgent Maggur Cremona talabha taghmel il-breathylizer test. Hi ghal bidu veru rrifjutat imma dan kien ghaliex riedet li tinbidel il-*“mouth piece”* tal-plastic qabel ma ddahalha f’halqha. Wara ippruvat tonfoh imma ghal xi ragun l-istrument ma mmarkax. Sadanitant il-habiba taghha kienet segwitha sad-depot bil-karozza taghha stess u kienet l-appellanti stess li saqet lura lejn id-dar taghha.

Ikkonsidrat,

Illi l-ewwel aggravju tal-appellanti hu li l-affidavit ta' PC John Debattista u PC Glen Carabott huma identici w li dan mhux il-mod kif ghandhoim jitressqu l-provi tal-prosekuzzjoni. Minn ezami ta' dawn iz-zewg affidavits, jirrizulta li, ghajr ghal xi kelma 'l hawn u 'l hinn, hu minnu li dawn l-affidavits huma identici, bl-izbalji tas-sintassi w tal-ortografija b' kollox. Issa huwa minnu li dawn iz-zewg xhieda kienu qed jinnarraw l-istess fatti w allura fis-sustanza wiehed jistenna li jghidu l-istess haga, pero' bil-mod kif gew redatti dawn iz-zewg affidavits, dan jissugerixxi li nkitbu jew minn persuna wahda w wara sar *cut and paste* bil-*mutatis mutandis* ghal dak li jirigwarda d-dettalji ta' min kien qed jaghmel l-affidavit u ta' min kellu mieghu, jew huma "joint composition" taz-zewg xhieda flimkien. Dan mhux mod kif ghandhom isiru dawn l-affidavits minn membri tal-Korp tal-Pulizija w huwa mistenni li kull xhud jirredigi affidavit separat. Zgur li mhux hekk sar f' dan il-kaz.

B'daqshekk pero' non va detto li allura necessarjament dak li hemm f' dawn iz-zewg affidavits ma jirrflettix il-verita' tal-fatti li wasslu biex iz-zewg kuntistabbli jsegwu w iwaqqfu lill-appellanti wara li osservawha ma tieqafx fuq *traffic lights* meta dawn kienu homor u wara li kompliet issuq isserrep minn *lane* ghall-iehor sakemm fl-ahhar waqfet.

Illi anki jekk hemm konflitt fil-provi bejn dawn iz-zewg versjonijiet dan ma jfissirx li l-ewwel zewg imputazzjonijiet ma jirrizultawx pruvati ghax kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Joseph Thorne"** [9.7.2003] *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux."*

Ghalhekk din il-Qorti tara li m'ghandhiex ghalfejn tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti meta kkonkudiet li verament l-appellanti kienet hatja tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet.

Illi dwar it-tielet akkuza jigi precizat li ghalkemm l-imputazzjoni ssemmi li l-appellanti ma kienetx f' kundizzjoni li ssuq "*minhabba xorb jew drogi*" u f' dan tirriproduci l-kliem testwali tal-ligi, f' dan il-kaz - kif tajjeb irrilevat l-abbli difensur Dottoressa Tanya Sciberras Camilleri - si tratta biss ta' akkuza ta' sewqan taht l-influwenza ta' xorb spirituz u mhux ukoll ta' drogi.

Skond l-artikolu 15A(1) tal-Kap.65 ebda persuna ma ghandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' *motor car* jew vettura ohra li tkun fit-triq jew f' post pubbliku iehor meta ma tkunx f' kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi. Issa biex tirrizulta din l-imputazzjoni gie ritenut li mhux mehtieg li jkun hemm xi rizultat ta' xi *breathalyser test* jew xi *test* tad-demm jew l-urina. Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Simon Ellul Sullivan"** [14.12.2005] ir-reat kontemplat f' din l-imputazzjoni jista' jirrizulta pruvat anki minn depozizzjonijiet ta' xhieda okulari li jkunu osservaw lil sewwieq fuq il-post fejn ikun gie investigat. Bizzejjed li jirrizulta mill-osservazzjoni ta' xhieda prezenti li s-sewwieq ikun qed juri sinjali ta' xorb ta' alcohol, bhal ma huma sewqan inspjegabbilment erratiku jew spavald izzejjed, r-riha ta' xorb man-nifs, xengil jew nuqqas ta' ko-ordinazzjoni tal-movimenti tal-gisem tas-sewwieq meta johrog mill-vettura, tkarkir tal-kliem, eccitament zejjed, u sinjali ohra komunement riskontrabbli f' persuna xurbana. (ara. App.Krim**."Il-Pulizija vs. Duncan Galea"** [30.4.2003], **"Il-Pulizija vs. Paul Azzopardi**" [4.8.2006] u ohrajn).

Mistoqsija biex jghidu x' kien li gaghalhom ikollhom suspett li l-appellanti kienet qed issuq taht l-influwenza ta' xorb alkoholiku, PC Debattista semma xiha ta' xorb li ma kienitx "steady" fuq saqajha u li bdiet tghid kliem bla sens ripetutament apparti l-mod kif kienet qed issuq. PC Carabott semma li bdiet ticcaqlaq 'l hawn u 'l hemm u waqt is-sewqan bdiet isserrep.

Is-Surgent Maggur Cremona xehed li kellha *"riha taqsam ta' xorb"* meta pprova jaghmlilha l-*breathalyser test* fid-Depot.

L-appellanti f' dar-rigward ammettiet li kienet xorbot zewg tazzi nbid waqt l-ikla u qalet ukoll li mat-tielet wahda hi tibda tistordi ssoltu.

Mill-assjem tal-provi din il-Qorti hija sodisfatta li t-tielet imputazzjoni tirrizulta ppruvata w li ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment issibha hatja li saqet vettura fit-triq meta ma kienitx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb.

Illi fir-rigward tar-raba imputazzjoni, skond l-artikolu 15C u 15E tal-Kap.65, meta uffficjal tal-Pulizija jkollu suspett li persuna tkun issuq jew tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' *motor car* u li jkollha alcohol f' gisimha, huwa jista' jehtieg li dik il-persuna taghtih zewg kampjuni tan-nifs ghat-test tan-nifs. Ghalhekk il-Pulizija f' dan il-kaz kellhom kull dritt li jesigu li l-appellanti tissoggetta ruha ghall-ghoti ta' kampjuni tan-nifs fic-cirkostanzi.  Ir-rifjut li jinghata tali kampjun tan-nifs fid-Depot, umbaghad fih innifsu huwa reat. Jidher li l-Ewwel Qorti sabet htija kontemplata fis-subartikolu (4) tal-istess artikolu li jghid li persuna li tirrifjuta jew tonqos milli taghti kampjun kif mahsub taht dak l-artikolu tkun hatja ta' reat. U l-istess artikolu fis-subartikolu (1) (a) jiddisponi li ufficjal tal-Pulizija jista' jehtieg li dik il-persuna taghti zewg kampjuni tan-nifs ghall-analizi permezz ta' <u>strument approvat</u> b'ordni tal-Ministru li jigi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern.  Ghalhekk mill-artikolu ccitat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, jidher car li hi sabitha hatja tar-rifjut li suppost sar id-Depot u li hu kontemplat fl-artikolu 15E (4).

Illi fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza u **"Il-Pulizija vs. Julian Sciberras**" [13.3.2001] kien gie deciz li r-reat kontemplat taht is-subinciz (4) tal-artikolu 15E jikkonfigura ruhu biss meta dak li jkun jirrifjuta li jaghti iz-zewg kampjuni tan-nifs fid-Depot wara li jkun ittiehed hemm ghax aktar qabel ikun ukoll irrifjuta li jaghti l-kampjun fit-triq lil Pulizija. Dan ghaliex ghar-rifjut originali

hemm biss ir-rimedju tal-arrest ta' dak li jkun u dan minnu nnifsu ma jammontax ghal reat per se.

Li dwar l-aggravju li ma rrizultax li ntuza l-istrument approvat mill-Ministru w cioe' l-Lion Intoxilyzer 6000, kif jirrizulta mill-*print-out* esebita a fol.5, dan hu proprju l-istrument li jissemma fir-Regolament 2 tar-Regolamenti u l-Ewwel Skeda tar-Regolamenti tal-1998 dwar Testijiet tan-Nifs (Strumenti u Laboratorji) A.L. 129 tal-1998, kif emendati bl-Avviz Legali 366 tas-sena 2002, bhala dak li gie approvat mill-Ministru b' Regolamenti skond l-artikolu 15E (1)(a) tal-Kap.65. Konsegwentement li l-istrument uzat f' dan il-kaz hu l-istrument approvat mill-Ministru jirrizulta mill-istess ligi w ma hemmx ghalfejn issir il-prova tieghu quddiem Qorti, ghajr id-dokument innifsu esebit li gie ffirmat u konfermat bil-gurament kemm mis-Surgent Maggur 78 J. Cremona w s-Surgent Maggur Saviour Garzia. (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Simon Ellul Sullivan"** [14.12.2005]

Umbaghad fiz-zmien tal-allegat reat il-pozizzjoni kienet diga' ukoll regolata mir-Regolament 4(1) tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar Testijiet tan-Nifs (Strumenti u Laboratorji) li jiddisponi li l-post fejn ikun jinsab l-istrument ossia il-**Lion Intoxilyzer 6000**-220/240 volts, intiz biex fuqu jsir l-analizi taz-zewg kampjuni tan-nifs skond l-artikolu 15E(1)(a), ghandu ghall-finijiet ta' l-artikolu 15E(5) ta' l-Ordinanza , ikun konsidrat bhala laboratorju. Hija **biss** l-analizi ta' kampjuni tad-demm u/jew tal-urina skond id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 15E(1)(b) li ghandha ssir fil-laboratorji stabiliti fit-Tielet Skeda, ossia il-Malta National Laboratory, Evans Buildings, Merchants Street, Valletta. Ghalhekk jirrizulta li l-Pulizija f' dan il-kaz ippruvat taghmel it-test tan-nifs lill-appellanti bl-istrument legalment approvat u fil-post li seta' jsir skond il-ligi.

Jibqa pero' l-fatt li ghalkemm inizjalment l-appellanti kienet irrifjutat li taghmel il-*breathylazer* test id-depot ghaliex kif qalet hi riedet li l-ewwel tinbidel il-*"mouth piece"* tal-istrument, - u sa hawn din il-Qorti tara li din kienet raguni plawzibbli - finalment ippruvat tonfoh izda dan ma bediex jimmarka.

Issa ghalkemm dan seta’ sar apposta mill-appellanti biex ma jinkixifx il-fatt li hi kienet ikkunsmat alcohol aktar milli suppost meta tigi biex issuq, jista’ jaghti l-kaz ukoll li dan beda jigri ghaliex l-appellanti genwinament ma felhitx tonfoh fl-istrument. Del resto kienu l-istess xhieda tal-prosekuzzjoni li semmew li l-appellanti ma felhitx tonfoh u dan il-kliem jissugerixxi li l-istess xhieda tal-prosekuzzjoni hadu l-impressjoni li l-appellanti ma kienitx qed taghmel hekk ghal tal-apposta biex l-istrument ma jimmarkax. Jekk dan kien il-kaz, din il-Qorti ma tarax li jirrizulta sal-grad tal-konvinciment morali r-reat ridott taht ir-raba’ imputazzjoni.

Ghalhekk ghalkemm l-aggravji dwar il-htija dwar l-ewwel tlett imputazzjonijiet qed jigu respinti, l-aggravju dwar il-htija taht ir-raba’ imputazzjoni qed jigi milqugh.

Illi l-ahhar aggravju tal-appellanti jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti li skondha l-appellanti kienet wahda esagerata. Issa, dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’ jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella”** [14.6.1999], **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u ohrajn).

Illi ghall-ksur tal-ligi that l-ewwel zewg imputazzjonijiet l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellanti ghall-ammenda komplessiva ta’ hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) u din il-Qorti ma tarax li hemm lok li din il-piena tigi ridotta.

Illi skond l-artikolu 15H (1) (a) tal-Kap.65, min jinstab hati tar-reat taht it-tielet imputazzjoni li rrizultat fil-konfront tal-appellanti jkun soggett ghall-piena tal-multa ta’ mhux inqas minn mitejn lira Maltin (LM200) jew ghal prigunerija ghal mhux izjed minn tlitt xhur jew ghall-dik il-multa w prigunerija flimkien. Umbaghad is-subartikolu (2) jiddisponi li b’ zieda mall-piena il-Qorti ghandha tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-

sewqan, fil-kaz tal-ewwel kundanna, ghal zmien ta' mhux inqas minn sitt (6) xhur.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellanti hatja tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni u fejn ikundannatha ghall-ammenda komplessiva ta' hamsa w ghoxrin lira maltin (LM25) ekwivalenti ghal €58.23 ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet u fejn ordnat is-sospensjoni tal-licenzji tas-sewqan tal-appellanti ghal zmien sitt (6) xhur – li issa jibdew jiddekkoru minn nofs il-lejl tal-lum - tirrevokaha fejn sabet lill-appellanti hatja tar-raba' imputazzjoni w fejn ikkundannatha ghall-multa ta' tlett mitt lira (LM300) fuq it-tielet u r-raba' akkuza w minflok issibha mhux hatja w tilliberaha mir-raba' imputazzjoni w tikkundannaha ghall-multa ta' mitjen lira Maltin (LM200) ekwivalenti ghal €465.87 ghat-tielet imputazzjoni biss.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------